## Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# IL-PULIZIJA (SPETTUR KARL ROBERTS) V. HSSEN ALENEZI (KI. DETENTUR TAL-PASSAPORT GRIEG TA0148948)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**31 ta' Jannar 2025**

IL-QORTI,

wara li rat l-imputazzjonijiet maħruġa kontra Hssen Alenezi imwieled nhar id-09 t'April 2005 ġewwa As Sulaybiyah, Kuwait, iben Awas u Mariam detentur tal-Passaport Grieg bin-numru TA0148948 u permess tar-residenza Grieg bin-numru 795500, residenti ġewwa fond mhux magħruf (hawn imsejjaħ "l-imputat") li tressaq taħt arrest quddiemha fis-seduta tal-lum 31 ta' Jannar 2025 mixli illi fit-30 t'April 2025, u jew fil-jiem, ġimgħat jew xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-gżejjer:

1. **"Iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'passaport jew uza jew kellhu passaport jew dokument li huwa jaf li gew iffasifikati, imbiddla jew li saru tibdil fihom (Kap 61 sec5).**

2. **U aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel użu minn xi dokumenti falsifikati (Kap 9, Sec 189).**

3. **U aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi, ta' prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz lil-Ufficjal Pricipali ta' l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32 (1c) tal-Ligijiet ta' Malta;**

4. **U aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi, minghajr awtorita legittima, uza jew kellhu fil-pussess taghhom xi dokumenti mehtiega ghall finijiet ta' l-Att ta' l-Immigrazzjoni li kienu falsifikati (Kap 217, Sec 32 (1f));**

5. **Kellhu f'idejh Passaport, maħruġ minn awtorità kompetenti, jew li, ittrasferixxa dan il-passaport lil persuna oħra jew irċeva passaport li ġie ittrasferit lilhu minn persuna oħra (Kap 61, Sec 3 tal-Liġijiet ta' Malta);**

6. **U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamel użu jew ittanta li jagħmel użu minn Passaport maħruġ lil persuna oħra, cioé dak diġa imsemmi (Kap 61, Sec 4 tal-Liġijiet ta' Malta)"**

wara li rat li fis-seduta tal-lum 31 ta' Jannar 2025, għall-mistoqsija tal-Qorti dwar jekk jixtieqx iwieġeb dwar il-ħtija *o meno* tiegħu, l-imputat wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrih,

wara li rat illi l-Qorti ppostponiet il-kawża għal ftit minuti sabiex l-imputat jikkonsulta l-avukat tiegħu u jerġa jaħsibha,

wara rat li meta reġgħet issejħet il-kawża  l-imputat reġa wieġeb li huwa inkondizzjonatament ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu,

wara li semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena,

wara li rat l-atti kollha proċesswali,

qed tagħti din is-

## Sentenza

**Fid-dawl ta' tali stqarrija ta' ħtija inkundizzjonata imtennija l-Qorti wara li rat l-artikoli rilevanti tal-liġi u ċioe l-Art. 3, 4 u 5 tal-Kap. 61, l-Art. 189 tal-Kap. 9, l-Art. 32(1)(c) u l-Art. 32(1)(f) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih (fis-sens ta' użu ta' dokument falsifikat) u tikkundannah piena karċerarja ta' sitt (6) xhur.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y. M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |